MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Talba Numru. 338/2010

**Anthony Ebejer ID 739133M**

**vs**

**Mary Snow fil-kwalita' taghha ta' prokuratrici ta' Richard John Snow u Stevie Rose Ward u b'degriet tat-Tribunal datat 4 ta' Dicembru 2012 gie mizjud l-isem ta' Cindianne Carmen Hatchard.**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ hemm TALBA ghall-hlas ta' sitt mija, tnejn u hamsin Ewro (€652.00) bhala senserija fir-rigward tal-bejgh tal-fond nru 81 (gja 26) Triq l-Imsida, St. Venera bil-prezz ta' €28,000.00c liema bejgh sar mill-konvenuta Mary Snow nomine lil Ronnie Spiteri. Fir-rigward l-attur offra s-servizz ta' sensar li gew accettati mill-konvenuta noe.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

Mary Snow mhiex prokuratrici ta' terzi u ghalhekk mhiex legittma kontradittrici.

Fit-tieni lok, it-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhu dovut xejn lill-attur.

**Ra** li fl-udjenza tat-12 t'April 2012 xehdet Mary Snow (KI 93648M) li qalet li hi kellha l-prokura generali ta' ulied zewgha li joqghodu kollha l-Ingilterra u ma tixtieqx tidher ghalihom fil-kawza odjerna.
**Ra** li b'rikors prezentat fil-11 ta' Mejju 2010 l-attur spjega li hu kien mexxa kontra Mary Snow peress li kienet hi li dehret fuq il-kuntratt ta' bejgh u negozjati u dana f'isem Richard John Snow, Stevie Rose Ward u Cindianne Carmen Hatchard. Inoltre wara li ta l-indirizz fl-Ingilterra tat-tliet persuni msemmija, **talab** li, ai termini tar-regolamenti applikabbli fl-Unjoni Ewropea, l-istess Rikors flimkien ma traduzzjoni tieghu fil-lingwa Ingliza jigu notifikati lill-imsemmija tlieta minn nies fl-indirizz moghti.

**Ra** li din it-talba dwar notifika giet milqugha b'degriet tal-14 ta' Mejju 2010.

**Ra** li fis-7 ta' Lulju 2010 gie esibit is-*Certificate of Service* (Dok A *a fol* 23 *et seq*)

**Ra** li b'Rikors prezentat fit-22 ta' Settembru 2010 Anthony Ebejer talab notifika tat-tlieta minn nies imsemmija f'indirizz iehor peress li ma sehhietx notifika fl-inidrizz moghti qabel. Dan gie awtorizzat b'degriet tal-istess jum.

**Ra** li b'Nota tad-29 ta' Novembru 2010 gie esibit n-*Notice of Service* (*a fol* 102 *et seq*). *A fol* 177 *et seq* hemm li gew notifikati Stevie Rose Ward u Richard John Snow u fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 20112 hemm li d-difensur tal-attur qed jaghmel l-almu tieghu biex tigi notifikata Cindianne Carmen Hatchard. Din in-notifika eventwalment saret (ara *fol* 188).

**Ra** li stante li kien hemm htiega ta' korrezzjoni fl-okkju, kif mitlub mill-attur, din giet awtorizzata b'degriet tal-4 ta' Dicembru 2012 flimkien ma ordni ta' notifika mill-gdid tal-partijiet kollha koncernati.

**Ra** li b'Nota tal-4 ta' Frar 2014 l-attur ceda l-atti tal-kawza kontra Stevie Rose Ward izda zammha ferma kontra tnejn l-ohra.

II DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) jilqa t-talba attrici fil-konfront ta' Cindianne Carmen Hatchard u Richard John Snow (2) jikkundanna lil dawn biex fi zmien tletin jum mil-lum ihallsu, *in solidum* bejniethom l-ammont mitlub ta' sitt mija, tnejn u hamsin Ewro (€652.00c) lil Anthony Ebejer b'dana li jekk il-hlas ma jsirx fiz-zmien imsemmi jibda ghaddej l-imghax mill-31 jum sal-jum tal-pagament effettiv (3) jikkundanna lill-istess Cindianne Carmen Hatchard u Richard John Snow biex ihallsu l-ispejjes tal-kawza u (4) jiddeciedi li ma jiehux konjizzjoni tal-kawza fil-konfront ta' Stevie Rose Ward bl-ispejjes ta' din jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------